



Brussell, 30 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15989/23

AGRI 744
AGRILEG 310
AGRIFIN 145
AGRISTR 66
AGRIORG 138

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	KSA/Kunsill
Suġġett:	Evalwazzjoni tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK - <i>Informazzjoni mill-Presidenza</i>

Bil-ħsieb tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" fil-10 u l-11 ta' Diċembru 2023, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota mill-Presidenza dwar l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-PAK il-ġdida.

Evalwazzjoni tal-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK

Fl-2021, wara aktar minn tliet snin ta' negozjati, il-PE u l-Kunsill laħqu ftehim ibbażat fuq il-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni għar-riforma tal-PAK, prinċipalment permezz tar-Regolament 2021/2115.

Matul l-2022, il-proposti għal Pjanijiet Strateġiċi ppreżentati mill-Istati Membri ġew eżaminati mill-Kummissjoni, sarulhom modifiki, u finalment ġew approvati għall-applikazzjoni mill-01.01.23.

Is-sena 2023 waslet fi tmiemha u huwa xieraq li nieqfu biex nirriflettu dwar ir-Riforma li implimentajna, l-esperjenza ta' din l-ewwel sena ta' implimentazzjoni, u l-futur li qed inħabbtu wiċċna miegħu fis-sena li ġejja u wara.

L-implimentazzjoni kellha d-diffikultajiet tagħha. L-ewwel nett, dawk intrinsiċi għal riforma li involviet innovazzjonijiet kbar u li fiha fteit li xejn kien hemm żmien biex dawn jiġu trasposti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u biex jinxterdu fost benefiċjarji potenzjali. Iżda minbarra dawn iċ-ċirkostanzi, li kienu diġà tqiesu, kien hemm sitwazzjoni tas-suq ikkumplikata, bi prezzijiet tal-input għoljin, volatilità għolja u inċertezza fil-prezzijiet tal-bejgħ, u ċirkostanzi meteoroloġiċi diffiċli, speċjalment b'nixfa li kibret fuq parti kbira tal-UE, flimkien ma'ostakli oħra. Fl-aħħar nett, ix-xenarju tal-inflazzjoni li qed jiġi esperjenzat fl-UE fil-prattika jfisser erożjoni tal-appoġġ għall-introjt pprovdut mill-għajnuniet diretti tal-PAK.

Dan l-aħħar irċevejna r-rapport tal-Kummissjoni (ippubblikat fl-24.11.23) li jindika kif il-pjanijiet approvati jikkontribwixxu għall-oġettivi speċifiċi tal-PAK u b'mod ġenerali jirrappreżentaw qabża fl-ambizzjoni ambjentali ta' din il-politika bħal qatt qabel. Ir-rapport jindika wkoll ċerti aspetti li għandhom jiġu mmonitorjati bir-reqqa biex jittejjbu matul l-implimentazzjoni. Ir-rapport jirrifletti wkoll dwar kif il-PAK ma tistax tkun l-uniku strument ta' rispons għal diversi ħtiġijiet u kif iridu jiġu mobilizzati sorsi oħra ta' finanzjament.

Barra minn hekk, fi tmiem il-Presidenza Żvediża u matul dawn is-sitt xhur ta' dik Spanjola, stajna naqsmu l-fehmiet dwar l-implimentazzjoni f'din l-ewwel sena. Fil-fatt, f'Settembru, fil-laqgħa msejħa mill-Kummissjoni u mbagħad fil-laqgħa tal-KSA fl-14 ta' Novembru, stajna naraw kif, mhux mingħajr diffikultajiet, dak li kien ippjanat qed jiġi implimentat. Għalhekk, aħna eqreb li naraw kif il-ħtiġijiet li l-pjanijiet kienu maħsuba li jaqdu qed jiġu ssodisfati permezz tal-użu tal-fondi tal-PAK.

Barra minn hekk, fil-laqgħa tal-KSA fid-9 ta' Ottubru, stajna naqsmu kif l-implimentazzjoni ta' riforma ta' dan il-kobor permezz ta' Pjanijiet komprensivi bħal dawk approvati teħtieġ aġġustamenti suċċessivi biex tiggarrantixxi li jintlaħqu l-għanijiet tagħha u biex tiżgura li r-riċevituri finali tal-miżuri jistgħu jibbenefikaw mill-interventi programmati. L-Istati Membri esprimew it-tħassib tagħhom lill-Kummissjoni dwar il-kumplessità straordinarja tal-ewwel esperjenzi tal-emendar tal-Pjanijiet. Il-Kummissjoni ħadet nota u ilha taħdem fuq din il-kwistjoni matul l-aħħar xhur u dan l-aħħar offriet modi biex tissimplifika dan il-proċess.

Fl-aħħar nett, fid-29 u t-30 ta' Novembru, id-Diretturi tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK iltaqgħu f'Madrid u skambjaw mhux biss dawn l-aspetti iżda wkoll l-importanza tal-evalwazzjoni tal-Pjanijiet u magħhom il-politika tagħna. L-evalwazzjoni hija eżerċizzju traxxendentali li jipprovdi informazzjoni lil dawk li jfasslu l-politika, iżda wkoll biex juri lill-benefiċjarji x'inkiseb bl-isforzi li tlabna meta fassalna r-rekwiżiti tal-interventi differenti, u b'hekk jinforma lis-soċjetà dwar x'tirritorna l-PAK għat-taxxi li jiffinanzjawha bihom.

Għalhekk kienu sitt xhur intensi ta' riflessjoni u skambju li jippermettulna nevalwaw ir-Riforma: ir-Riforma twieġeb għall-oġettivi u l-ħtiġijiet li ġew identifikati; il-Pjanijiet, mhux mingħajr sforz, qed jaħdmu u ser iwiegħbu għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull Stat Membru. Ir-riforma kienet riforma estensiva, li fissret bidla importanti ħafna għall-bdiewa tagħna, li spiss sabu ruħhom imħawda minħabba li l-kuntest kien partikolarment ikkumplikat. Jeħtieġ li din ir-riforma tiġi ankrata, li niffukaw l-isforzi kollha tagħna fuq l-implimentazzjoni korretta tagħha u fuq il-kejl u l-evalwazzjoni tar-riżultati tagħha.

L-azjendi agrikoli tagħna jistħoqqilhom ukoll messaġġ ta' stabbiltà bħala appoġġ: huma kellhom jadattaw għal bidla kbira. Ladarba din isseħħ, neħtieġu snin stabbli ta' politika biex nikkonsolidawha, biex l-azjendi agrikoli japprofondixxu l-opportunitajiet kollha li jagħtuhom il-Pjanijiet. Is-settur jeħtieġ messaġġ ta' stabbiltà, kif ukoll ċertezza dwar xi ħaġa li dan il-Kunsill diġà ddiskuta f'okkażjonijiet preċedenti: ma nistgħux inkomplu nitolbu għal aktar sforzi mill-bdiewa tagħna li mhumix akkumpanjati minn appoġġ addizzjonali.

Fil-kuntest tal-analiżi ta' hawn fuq, il-Presidenza tixtieq tikseb il-valutazzjoni tal-Ministri dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

1. Taqblu ma' din il-valutazzjoni, u hemm xi aspetti li, minħabba l-esperjenza f'pajjiżkom, tixtiequ tenfasizzaw, tikkwalifikaw, jew tikkoreġu?
2. Taħsbu li hemm elementi oħra li għandna nqisu wkoll f'din il-valutazzjoni?
